**Mozzjoni Nru 1**

Artiklu 31 **għandu jiġi sostitwit bil-kliem li ġej** "Il-Kumitat għandu s-setgħa jaħtar dawk is-sotto-kumitati għal skopijiet speċifiċi, li fost l-oħrajn imma mhux limitat għal hekk, jaqdu ċertu funzjonijiet, jorganizzaw attivitajiet jew jamministraw proġetti (bħalma hu l-proġett tal-Għaqda zuntier.com).**"**

**Artiklu 31 jiġi mibdul f' artiklu 31.1 u jiżdied artiklu 31.2** li jkun jaqra "Il-Kumitat għandu jindika b'mod ċar il-funzjonijiet, l-iskopijiet u l-poteri li qegħdin jingħataw lis-sotto-kumitat u t-tul taż-żmien li għalih qiegħed jitwaqqaf permezz ta' *Letter of Appointment*, maqbula f'Laqgħa tal-Kumitat."

**Jiżdied ukoll sub-artiklu 31.3 li jkun jaqra** "Il-*Letter of Appointment* għandha tiġi indirizzata lil persuni li ser jkunu qegħdin jiffurmaw dan is-sotto-kumitat. Sakemm ma jkunx inidkat b'mod ieħor, l-ebda membru individwali jew is-sotto-kumitat b'mod kollettiv ma jkollu setgħa aktar minn dak indikat fl-istess *Letter of Appointment*."

**Jiżdied ukoll artiklu 31.4 li jkun jaqra** "Il-Kumitat jista' jirrevoka, jemenda u/jew jestendi l-*Letter of Appointment* wara li jkun hekk iddeċieda f'Laqgħa tal-Kumitat."

**Artiklu 32 għandu jiġi sostitwit b'sub-artiklu 32.1 u jaqra dan li ġej** "Il-Kumitat għandu jaħtar *Chairperson*, li għandu jinħatar minn fost il-Membri, liema ħatra għandha tiġi indikata fil-*Letter of Appointment*."

Għandu **jiżdied sub-artiklu 32.2** li jaqra "Il-Kumitat jista' joħloq kwalunkwe pożizzjoni jew kariġa li l-jħoss meħtieġa permezz tal-*Letter of Appointment*."

Għandu **jiżdied sub-artiklu 32.3** li jaqra "Il-Kumitat għandu jindika b'mod ċar l-arrangamenti finanzjarji tas-sotto-kumitat fil-*Letter of Appointment*."

**F'artiklu 34 titħassar il-kelma** "President" **u minfloka tidħol il-kelma** "Kumitat" **u jiżdiedu l-kliem** "Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, is-Sotto-kumitat jista' madanakollu jikkorrispondi fil-limiti tal-materji u l-poteri li l-Kumitat jkun għaddielu permezz tal-*Letter of Appointment*."

**Mozzjoni Nru 2**

Artikloli 35 sa 39 **għandhom jitħassru**.

**Mozzjoni Nru 3**

**Għandhom jitħassru** artikoli 40 u 41

Is-sotto-titlu 'IX Proċedura' għandu jinbidel għal 'IX Proċedura tal-Laqgħa Ġenerali"

**Mozzjoni Nru 4**

Qabel artiklu 68 taħt is-sotto-titlu 'Dixxiplina' għandu jidħol artiklu li jaqra dan li ġej: "Għandu jinħatar Bord tad-Dixxiplina fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li jkun kompost minn tlett membri"